# Il-qagħda soċjali tal-parruċċani ta' San Ġorġ fl-1667

**Joe Muscat**

## Tagħrif meħud miċ-ċensiment ta' 350 sena ilu

**Introduzzjoni**

Fl-14 ta' Ġunju 1667, l-Isqof Lucas Buenos (1666-1668) ġie ppreżentat b'lista li fiha hemm l-isem ta' kull persuna li kienet toqgħod Għawdex u Kemmuna f'dak iż-żmien. F'din il-lista hemm imniżżla l-persuni li kienu jgħixu fiż-żewġ parroċċi ta' Għawdex, jiġifieri fil-Parroċċa tal-Kolleġġjata Matriċi tal-Assunta (illum il-knisja Katidrali) u l-oħra tal-Parroċċa ta' San Ġorġ Martri, fir-Rabat.

L-Arċipriet Dun Giovanni Antonio Cammilleri, li kien mill-Qrendi, niżżel l-ismijiet ta' dawk kollha li kienu jinsabu fil-Kastell, parti mir-Rabat, il-Belliegħa u l-kumplament tal-kampanja ta' Għawdex u Kemmuna, waqt li l-Kappillan ta' San Ġorġ, Dun Marianus Puglisi, niżżel l-ismijiet li kienu jippartienu lill-parroċċa tiegħu li kienu joqogħdu r-Rabat. Dan iċ-Ċensiment, il-Kappillan ta' San Ġorġ għamlu forma ta' *Status Animarum*, għax wara l-ismijiet tal-persuni hemm imniżżla l-ittra "C" jew "CC", li tfisser li l-persuna resqet għat-Tqarbin Imqaddes (*Communio*) u/jew għas-Sagrament tal-Qrar (*Confesso*).

Fil-Parroċċa tal-Matriċi hemm imniżżla 2,965 persuna li 27 minnhom kienu jgħixu fuq il-gżira ta' Kemmuna. Fil-Parroċċa ta' San Ġorġ hemm imniżżla 1,198 persuna. Il-popolazzjoni f'Għawdex fl-1667 kienet ta' 4,163.

Il-kopja ta' dan iċ-ċensiment, li tinsab fl-Arkivju tal-Isqof ta' Għawdex fil-Fond *Capitula*, tifforma parti mill-*Processus super erectione Collegiatæ Insulæ Gaudisii*, jiġifieri l-Proċess għat-Twaqqif tal-Kolleġġjata ta' Għawdex, li kien ordnat mill-Inkwiżitur Galeazzo Marescotti (1663-1666) u mitmum fi żmien l-Inkwiżitur Angelo Ranuzzi (1667-1668). It-tieni twaqqif tal-Kolleġġjata f'Għawdex sar mill-Isqof Baldassare Cagliares (1614-1633) fis-6 ta' Ġunju 1623 u kien ikkonfermat uffiċjalment mill-Papa Alessandru VII (1655-1667) fl-10 ta' Ottubru 1663. Kien f'din l-okkażjoni li sar dan il-Proċess mill-Inkwiżitur li fih tidher din il-lista sħiħa tan-nies kollha li kienu joqogħdu f'Għawdex u Kemmuna f'Ġunju 1667 u l-qagħda soċjali tagħhom.

Fl-okkażjoni tat-350 sena minn dan iċ-Ċensiment, ser insemmi l-qagħda soċjali tal-parruċċani ta' San Ġorġ, kif imniżżla f'dan iċ-ċensiment mill-Kappillan tagħhom Dun Marianus Puglisi.

**Tagħrif qasir dwar Dun Marianus Puglisi**

Fiċ-Ċensiment ismu jidher biss bħala l-persuna li kitbet l-ismijiet tal-parruċċani kollha fil-Parroċċa ta' San Ġorġ, fir-Rabat, Għawdex. Dun Marjanu kien il-Kappillan ta' din il-parroċċa fl-1667 u kien ukoll l-uniku saċerdot (ara *Processus*, f. 77r).

Dun Marjanu huwa iben Ġeronimo u Francesca mwielda Colosina u ġie mgħammed fil-Parroċċa ta' Porto Salvo, il-Belt Valletta, fit-28 ta' Novembru 1610. Il-ġenituri pprovdewlu l-patrimonju għall-ordinazzjoni fl-1634. Ġie ordnat saċerdot fit-22 ta' Settembru 1635. Fit-13 ta' Awwissu 1637 ġie mogħti l-benefizzju ta' Tal-Fas, meta kien għadu jgħix fil-belt tal-Imdina. Fit-13 ta' Ottubru 1644 ġie nnominat Kappillan tal-Parroċċa ta' San Ġorġ wara Dun Sanctorius dello Re, u ħa l-pussess fl-24 ta' Marzu 1645. Fl-1667 kien Vigarju Foranju għal Għawdex. Mis-sena 1673 ma baqax jidher bħala membru tal-kleru f'Għawdex (tagħrif meħud mill-ktieb ta' Mons. Vincent Borg, *Melita Sacra* III, Malta 2005, p. 537; 16P.86).



*Silta mic-censiment originali*

**Dettalji miċ-Ċensiment**

Il-Kappillan Marianus Puglisi beda l-kitba tiegħu hekk: *"Rollo dello Anime della Parrocchia del Rabbato del Gozo. Die xvi Junis 1667 exhibits de Don Marianus Puglisi Parroco. Parrocchia del Rabbato de San Giorgio".*

Il-Kappillan Puglisi kiteb l-ismijiet tal-parruċċani tiegħu tal-Parroċċa ta' San Ġorġ Martri li jwasslu għal 1,198. Iżda ismu mhux imniżżel f'din il-lista tal-persuni fil-parroċċa tiegħu, mhux bħalma għamel l-Arċipriet tal-Matriċi Dun Giovanni Cammilleri.

L-ismijiet huma mniżżla f'ordni alfabetiku skont l-isem; eż: taħt l-ittra "A" hemm imniżżel l-ewwel il-kap tal-familja – Antonio, l-età u l-okkupazzjoni tiegħu, wara, isem martu u wliedu. U jkompli hekk, l-ewwel l-ismijiet bħal Angelo, Agata, Ambrogio, Augustino, Antonia, Aloijsia, eċċ., u d-dipendenti tagħhom. Taħt l-ittra "B" insibu Bernardo, Blasio, Berto, Bellica, Baldassare, Beatrice, eċċ.; taħt l-ittra "H" imniżżel Honorato, u taħt l-aħħar ittra "V" hemm imniżżla Vittorio, Ursula u Veronica. Ursula żgur ma tibdiex bil-konsonanti "V".

L-istatus soċjali tal-membri tal-Parroċċa ta' San Ġorġ fl-1667 li kellhom xogħol li bih setgħu imantnu lill-familji tagħhom huwa hekk:

3 bennejja: wieħed minnhom bennej tal-ħitan tas-sejjieħ – Antonino Pisano (*muratore di pietra siccha*), Pietro Cauchi u Mastro Simone Habela (*muratore di pietra*) b'10 dipendenti;

1 naġġar: Mro Domenico Michallef, ta' 55 sena, jgħix waħdu (*tagliatore di pietra*);

5 sajjieda: Angelo Galea; Antonio Barberi; Domenico Barberi; Domenico Soltana; u Filippo Said; b'25 dipendent (*piscatore*);

8 pitkala: Ambrogio Falson; Angelo Cassar; Ambrogio Vella; Bernardo Vella; Domenico Bezzina; Domenico Gafa; Francesco Grima u Mattheo d'Avola; b'29 dipendent (*potegaro*);

1 bil-ħanut tax-xorb: Gio Maria Cassar, bi 3 dipendenti (*tavernaro*);

8 mastrudaxxi: Baldassare Cassar; Domenico Fenech; Dionisio Fenech; Domenico Habela; Mro Gio Maria Cassar; Gioseppe Fenech; Lorenzu Saliba; u Mro Salvo Cordina; b'31 dipendent (*mastrodascia*);

3 furnara: Bernardo Calleija; Clementio Dalli; u Gio Maria Bigeni; b'14-il dipendent (*fornaro*);

24 burdnar: Alessando Habeijer; Alessandro Gauci; Bertoli Hagijus; Baptista Farrugia; Domenico Tanti; Domenico Cachia; Giulio Muscat; Genio Mercieca; Gio Maria Cumbo; Giocobo Maria Grech; Giuseppe Xikluna; Gionne Grech; Gio Maria Xikluna; Gratio Bartholo; Leonardo Xiberras; Publio Farrugia; Pietro Muscat; Pietro Fenech; Pauluccia Sicluna; Pietro Bugeija; Santoro Paci; Salvo Galea; Salvo Bigeni; Silvestro Cumbo; b'105 dipendenti (*burdonaro*);

2 barbiera: Mro Alessandro Spilotti u Gratio Magro; b'5 dipendenti (*barbiere*). Tal-ewwel kien separat minn martu u ż-żewġ uliedu (*separato della moglie*);

2 kapijiet tal-familja li qabel isimhom hemm "Mro" għal Mastro: Mro Carolo Azzopardi u Mro Michele Zahra, jiġifieri Mgħallem ta' xi sengħa, b'7 dipendenti. Is-sengħa mhix imniżżla;

3 baħrin: Gregorio Rapa; Gio Maria Portelli; u Paolo Debono; bi 11-il dipendent (*marinaio*);

1 bejjiegħ tal-laħam: Andrea Muscat, b'7 dipendenti (*bucciere*);

2 pastaż: (din il-kelma m'għadhiex tintuża) Bartholomeo Paci u Pietro Paci, porter; b'6 dipendenti (*facchino*);

2 sagristana: Bernardo Curmi u Damiano Calleija; bi 13-il dipendent (*sacrista/sacrestano*);

1 kirurgu: Carlo Haxixa, jgħix waħdu (*chirurgo*), bl-Ingliż magħruf bħala '*barber surgeon*';

4 ħajjata: Domenico Attardo; Mro Francesco Ruggier; Sandro Vella; u Vittorio Borg; bi 12-il dipendent (*sarto/sartore*);

4 bejjiegħa tal-affarijiet tal-fuħħar: Giacobo Debono; Gio Maria Curmi; Gio Paolo Debono; u Nina Barberi; bi 11-il dipendent (*critaro*);

4 buttara: Giacobo Gafa; Gio Paolo Bugeija; u t-tewmin Lonzico u Pauluccio Gatt; bi 11-il dipendent (*buttaro*);

3 ħaddieda: Domenico Mercieca; Lazzaro Vella; u Mro Pasquale Vella; bi 17-il dipendent (*ferraio*);

2 skrapan: Mro Gio Maria Gafa u Gioseppe Vella, b'5 dipendenti (*scarpaio*);

2 bejjiegħa ta' annimali domestiċi fit-triq: Gio Maria Habela u Thomasico Cammilleri, b'9 dipendenti (*compratore/ Com^re^*);

1 irabbi d-dundjani: Michaele Mercieca, b'4 dipendenti (*tacchinaro*);

2 merkanti: Angelino Spiteri u Gioseppe Falzon; b'5 dipendenti (*mercante/ mercadante*);

5 tallaba: Bernardo Cauchi; Gio Maria Tanti; Gionne Xicluna; Mariano Farrugia; u Mario Portelli, bi 13-il dipendent (*mendico*);

1 jibbalzma, Gioseppe Zammit; b'6 dipendenti (*mummificatore*);

4 irġiel li jkollhom ħafna raba' u rziezet bl-annimali li jħaddmu magħhom xi persuni: Antonino Attard; Giorgio Zerafa; Gio Paolo Schembri u Giacobo Debono; b'27 dipendent (*massaro*);

3 suldati: Mro Antonio Busuttil; Baptistino Muscat; u Fabrizio Cassar; b'9 dipendenti (*soldato*);

3 suldati awżiljarji: Angelo Galea; Alessandro Farrugia; u Domenico Mizzi; b'16-il dipendent (*alario*);

1 bombardier: Mro Giulio Muscat; b'2 dipendenti (*bombardiere*);

2 Uffiċċjal: Cintio Cassia u Fonzu Grech (*officiale*); b'2 dipendenti;

2 bil-ħanut li jbigħ oġġetti żgħar għall-ħjata, bħal labar, buttuni, kobob, marelli, irkiekel, eċċ.: Gio Paolo Barberi u Mro Pasquale Farrugia; bi 8 dipendenti (*merciaio*);

1 qabla: Antonia Carceppo li kienet armla (*mammana*);

1 prostituta: Prudentia Calleja (*scapuccina*);

1 Clara Frendo: soru Franġiskana (*monacha*);

1 persuna bil-ġilda ta' kulur iswed: Anna Maria (bla kunjom) (*negra*);

1 kjerku: Christoforo Cassar (*clerico*);

1 żewġha huwa qaddief fuq ix-xwieni tal-Ordni b'kastig: Paulica Debono (*il suo marito forzato*);

1 żewġha hu fil-Lvant: Speranza Zirafa – mingħajr ma jgħid jekk hux fuq xogħol jew xi skjav (*il marito in Levante*);

2 nisa: Angela Mangion u Catharina Stellini; li żwieġhom huma lsiera (*il marito schiavo*);

1 abbanduna lil martu: Giuliano Mifsud – dan ir-raġel lanqas kien jersaq lejn is-Sagramenti (*non fu Confesso ne Communicando et repudico la moglie*);

5 nisa: Catharina La Ferla; Catharina Farrugia; Garita Cremona; Maria Grech u Maruzza Pisano – li żwieġhom kienu maħruba (*il marito fugittivo*);

3 nisa: Catharina Xikluna; Francesca Schembri u Margarita Taliana; li żwieġhom kienu maħruba fi Sqallija (*il marito fugittivo in Sicilia*);

1 mara: li żewġha kien fi Sqallija (*il marito in Sicilia*);

1 żewġha jinsab maħrub: Catharinuzza Camilleri; b'4 dipendenti, mingħajr ma nafu jekk hux jistkenn f'xi kappella fil-kampanja, eċċ. (*il marito scansato*);

7 nisa: Aloijsia Vella; Antonia Zammit; Catharina Xikluna; Gioella Seichel; Gionella Cassar; Maria Gatt; u Sabella Michallef; li żwieġhom huma fuq xogħol max-xwieni tal-Ordni għall-kors (*il marito in Corso*), bl-Ingliż: *on corsairing duties*.

5 nisa: Catharina Hagijus; Gioannella Vassallo; Imperuzza Farrugia; Margarita Decori; u Theresa Grech, li żwieġhom jaqdfu minn jeddhom fuq ix-xwieni tal-Ordni (*buonavoglia*);

1 Comp$^{so}$ [??] Gregorio Vella; b'2 dipendenti;

1 Mur$^{mi}$ [??] Mro Simone Habela; b'5 dipendenti.

Ma' dawn hemm ukoll dawn li mhux ser inniżżel isimhom:

16 orfni (*orfano/orfana*);

85 armla b'165 dependenti (*vedova*);

14 armel b'20 dipendent (*vedovo*);

129 persuna b'476 dipendent imniżżla bħala li huma *giardinaro*;

13 xebba mhux miżżewġa (*libera*);

3 nisa mhux miżżewġa (*vergine*);

3 irġiel mhux miżżewġa (*schetto*);

2 persuni bi bżonnijiet speċjali (*fatuo/fatua*);

103 persuni li għal xi raġuni huma mniżżla li jgħixu weħidhom (*solo/sola*).

Wieħed jinnota l-faqar li kien hawn fi 398 familja f'din il-parroċċa f'Għawdex f'dak iż-żmien meta, aktar minn żewġ terzi tal-parruċċani, il-kap tal-familja kien bla xogħol; għalhekk kienu jgħixu fi stat ta' faqar, kif kienu wkoll dawk il-85 armla. F'Għawdex kollu fl-1667, minn popolazzjoni ta' 4,163, insibu li kien hemm 3 ġardinara fil-Fontana, 1 f'Ta' Kerċem, 1 fl-Għasri, 2 f'Marsalforn, 4 ix-Xagħra, u 2 in-Nadur; total ta' 13. Il-Kappillan Puglisi jrid jagħti x'jifhem li l-129 kap tal-familja li hu niżżel bħala *'giardinaro'* mhumiex ġardinara fil-veru sens tal-kelma, imma huma kapijiet ta' familji li bħall-oħrajn madwar Għawdex kienu nies foqra, anzi ħaddiema bla xogħol fiss jew xogħol bil-ġurnata, dawk imsejħa *'giornariero'* bl-Ingliż *'journeyman'*. Għalhekk wieħed jista' jikkonkludi li l-kelma *'giardinaro'* kif imniżżla mill-Kappillan ta' San Ġorġ hija ewfemiżmu tal-kelma 'kap tal-familja fqir' (*capo di casa povero*).

VASSALLO
JEWELLERS
INDEPENDENCE SQUARE
BY STEPHEN VASSALLO

